

**Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

11595/26

**PUBLIC 54
INF 212**

NOTA

Suġġett: **SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - FRAR 2026**

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fi Frar 2026.¹

Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (bil-korsiv).

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub,²
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali.

Informazzjoni dwar atti oħra adottati mill-Kunsill tista' tinstab fuq il-paġna web iddedikata tal-Kunsill, taħt it-taqsim "Laqgħat"³. Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill: [Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill - Consilium](#)

¹ Minn Jannar 2026, is-sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill ser jinkludu biss informazzjoni dwar atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-[regoli ta' proċedura tal-Kunsill](#) "Għandu jiġi mfassal kull xahar mis-Segretarjat Ġenerali sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub. Dan is-sommarju għandu jkun fih id-dikjarazzjonijiet possibbli maħsuba sabiex jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill. Il-partijiet ta' dan is-sommarju li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi għandhom ikunu pubblikati."

² Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-adozzjoni mill-Kunsill u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/home/>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#).

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq: <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/request-document-form/>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

Proċeduri bil-miktub

Proċedura bil-miktub konklufa fil-19 ta' Frar 2026	CM 1695/26
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1577 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu</i> <u>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/421 tad-19 ta' Frar 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1577 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet koperti mill-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu</u>	6091/26
<i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu</i> <u>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/420 tad-19 ta' Frar 2026 li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu</u>	6093/26
<u>Avviż għall-attenzjoni tal-grupp ikkonċernat</u>	6094/26